# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 986

KAZ NRU. 1158

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Simon Spiteri

u

Bow-Tie Confectionery Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 13 ta' Novembru 1998

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**INTRODUZZJONI**

Illi b'ittra datata 3 ta' Lulju, 1997, l-appellant kiteb lill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali dwar l-allegazzjoni tieghu li huwa tkecca ngustament mill-impjieg tieghu mas-Socjeta' intimata.

Illi b'ittra datata 10 ta' Lulju, 1997, l-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali rrefera din il-kwistjoni tax-xoghol lil dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Art. 28(2) tal-Kap. 266.

**DIKJARAZZJONI TAL-KAZ**

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu, l-appellant jallega li tkecca mill-impjieg tieghu unikament minhabba li naqas milli joqghod ghal regolament gdid tal-principal li jistipula li x-xaghar kellu jinzamm qasir u pulit. Huwa beda jahdem fid-29 t' Ottubru, 1995, u spicca fid-9 t'April, 1997. Huwa gie mpjegat ga b'xaghru twil u l-qtugh tieghu kien biss skuza sabiex jigi tterminat lilu x-xoghol, aktar u aktar wara li wegga' fuq il-post tax-xoghol. Ghalkemm talab li jinghata kappell sabiex jigbru fih, dana baqa' ma wasalx. L-appellant ma qatax xaghru u safa' mkecci mill-principal.

Illi da parti taghha, is-socjeta' intimata allegat fid-dikjarazzjoni taghha tal-kaz, illi l-istess appellant naqas li jobdi ordni legittima taghha, liema nuqqas jekwivali ghal insubordinazzjoni. Dina, abbinata ma' nuqqas ta' attendenza fuq il-post tax-xoghol ghal ragunijiet mhux gusti, wasslu lis-Socjeta' intimata li jiddeterminaw l-impjieg tal-appellant minn maghha.

**FATTI U PROVI**

Fis-seduta tal-10 t'Ottubru, 1997, xehed Michel Micallef - Managing Director tas-socjeta' intimata. Huwa stqarr li gew introdotti regolamenti godda tramite cirkolari datata 27 ta' Marzu, 1997. Fost ohrajn, kien hemm stipulat illi x-xaghar kellu jkun qasir u pulit. Ir-raguni kienet illi kienu qed isiru spezzjonijiet mid-Dipartiment tas-Sanita' stante illi l-fabbrika kienet timmanifattura *food/confectionery products*. Kienu *in liaison* mad-distrett taz-Zejtun. L-appellant kien ostinat, ma qaghadx ghar-regolament godda, inghata tlett

warnings, u safa' imkecci. In kontro-ezami, xehed illi meta kien gie originarjament impjegat, l-appellant ga kellu xaghru twila. Il-brieret ga kienu a disposizzjoni tal-impjegati, purche' ix-xaghar kien maqtugh. Kienet beritta normali bix-xibka. Xaghar l-appellant seta' jidhol fiha u tintlibes minnu. L-ufficcjal tas-Sanita' ma ghadda l-ebda kumment fuq ix-xaghar twil. Ir-rakkomandazzjoni kienet li jintuzaw il-brieret. L-istess ufficjal ghadda rimarki fuq l-annimali li kellhom fuq il-post, u dawn tnehhew.

Fl-istess seduta, xehed Charles Cassar, prodott mis-socjeta' intimata. Huwa kien impjegat fis-sezzjoni tal-Ispettorat, Dipartiment tas-Sanita'. Dan stqarr illi kien cempillu John Grech - Production Manager mas-socjeta' intimata, fejn talbu xi struzzjonijiet. Dwar ix-xaghar maqtugh, huwa qallu biex jirredigi cirkolari, titqassam lill-haddiema, u jibghatlu kopja ghall-file tieghu. Din ic-cirkolari kellha tikkonsisti fir-regolamenti l-godda applikabbli fuq il-post tax-xoghol. F'kaz li xi hadd ma jottemperax ruhu, id-decizjoni kellha tkun tal-principal - huwa ma setax jaghti pariri fuq suggett simili. Pero' seta' jaghtih warning, kopja ta' liema kellha tintbaghtlu wkoll ghall-file tieghu. Ic-C.E.R.A. ma kienet tghid xejn fuq warnings o meno, ir-responsabbilita' finali kienet tieghu. Alla fine kellu joqghod attent ghax dak il-haddiem li jitkecca seta' dejjem jirrikorri quddiem il-famuz Tribunal Industrijali. In kontro-ezami, xehed illi dan kollu ntqal minn fuq it-telephone. Ma giex infurmat illi l-appellant kien gie mpjegat bix-xaghar twil. *Ex admissis*, kollox sar fuq suggeriment tieghu.

John Grech - Production Foreman - xehed fis-seduta tat-22 t'Ottubru, 1997. Huwa stqarr illi tas-Sanita' kienu gejjin u sejrin fil-fabbrika taghhom. Peress illi saritlu rimarka fuq

ix-xaghar twil, hargu r-regolamenti l-godda fis-27 ta' Marzu, 1997, cioe' qabel ix-shutdown tal-Ghid. Ix-xaghar kellu jinqata' mqar sal-ispalla u jingabar taht beritta. Il-brieret u ggieget ga kienu lesti ghall-haddiema hekk kif jirritornaw ghax-xoghol. Dakinhar stess, tlieta ossia l-odjern appellant, Jonathan Grech u Karl Dimech, dahlu ghax-xoghol b'xagharhom twil. Baghathom lura, fejn tal-ahhar biss qaghad ghar-regolamenti l-godda. Fl-opinjoni tieghu, ix-xaghar ma setax jingabar taht il-beritta peress li kien twil sa nofs dahar l-appellant. In kontro-ezami, stqarr li xaghru kien minn dejjem twil, kien jghidlu biex jorbtu. L-enfasi saret da parti tal-awtoritajiet tas-Sanita'. Fl-ahhar sitt xhur, dawn qalulu li fuq il-post tax-xoghol kellhom joqghodu ghar-regolamenti. Ix-xaghar kellu jkun dicenti u migbur f'beritta. Lill-appellant ma giex moghti l-opportunita' li jipprova l-beritta. Fis- 7 t'April, 1997, gew imkeccija meta regghu dahlu ghax-xoghol bix-xaghar mhux maqtugh kif ried il-principal. Jew jaqtugh jew ma jigux accettati ghax-xoghol - din kienet l-unika alternattiva. Tas-Sanita' qalulu li x-xaghar kellu jkun qasir, dicenti u li jista' jidhol taht beritta. Bhala xoghol, l-appellant kien jitqabbad jaghmel minn kollox - ossia speci ta' *factotum* - isajjar il-helu, jippakkja, jahsel, iwahhal l-istikers. Xaghar l-appellant kien jidhol gol-beritta li kienet onesta, dicenti u bix-xibka. Pero' dejjem skond ir-regolamenti. A rigward ta' sick leave, l-appellant kien pjuttost efficjenti biex jiehdu. Kien ghaddielhu rimarka sabiex jibdel hajtu ghax ma setax ikompli b'dak l-atteggjament.

Agnes Grech prodotta mis-socjeta' intimata xehdet fl-istess seduta. Kienet mart l-istess John Grech u tahdem bhala machine operator. Ikkonfermat il-hrug tac-cirkolari. Qalet ukoll li l-haddiema kienu disa'. Tlieta minnhom - irgiel - kellhom

xagharhom twil li minnhom wiehed biss qatghu u kompla jahdem ghax it-tnejn l-ohra, fosthom l-appellant, gew imkeccija.

L-appellant xehed minn jeddu fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 1997. Stqarr li kien jaghmel minn kollox fuq il-post tax-xoghol. Kien hemm annimali u grieden jigru fil-fabbrika. Kien wegga' meta waqa' minn fuq tank tal-glucose. Dwar xagharu, kien ilu twil minn qabel ma dahal jahdem mas-socjeta' intimata. Qabel ix-shutdown, informawh li tas-Sanita' ma kienx ser jippermetti aktar xaghar twil fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk mar jivverifika personalment ghand tas-Sanita'. Ovvjament, dan gie michud tant li qalulu li l-aktar importanti kien li jidhol taht beritta. Zmien qabel, kien qatghu kif kien fuq suggeriment tal-Managing Director. Meta dahal ghax-xoghol wara x-shutdown, gie rinfaccjat mill-Production Foreman li hadu bl-herra mill-ewwel, tant li ma tahx kappell, la biex jilbes u wisq anqas biex jipprova, ghalkemm kellu beritta ghalih. Ta' bilfors, riedu l-ewwel jaqta' xaghru. A rigward tas-sick leave, dan kien dejjem gustifikat tramite c-certifikati medici. In kontro-ezami, xehed li kien jaf bic-cirkolari datata 27 ta' Marzu, 1997, specifikament ir-regolament numru tlieta (3) li kien jistipula li x-xaghar kellu jkun qasir u pulit. Mistoqsi ghaliex ma riedx jaqtaghha, irraguna illi jekk jaqtaghha sa spalltu, l-imghallem kien ighidlu li kien iridha sa ghonqu. Jekk iqaxxarha, kien isiblu xi haga ohra wara gurnata. Anzi tas-Sanita' kien infurmah li kien seta jaghmlu taht il-beritta. Irrileva wkoll li Michael Micallef kien ried itellghu mieghu it-Topsy biex isuq il-van. Dan kien hames xhur qabel l-incident tat-tkeccija, izda meta qallu li kellu jaqta' xaghru, ipprefera li jmur lura fil-fabbrika.

Jonathan Grech - prodott mill-appellant - xehed li kien tkecca wkoll minhabba li rrifjuta li jaqta' xaghru. Fin-nuqqas tal-qtugh, ma kienx ikun tajjeb ghax-xoghol. Oltre li kien dak kollu li kien jitqabbad, kien gie mpjegat ga meta kellu xaghru twila. Ghalkemm qataghha xi ftit, ma kienx bizzejjed, tant li ma giex moghti beritta. Mar ma' l-appellant ghand tas-Sanita'. Giet rifjutata l-offerta tieghu li jigbed xaghru toppu taht il-beritta - kif qallu tas-Sanita' stess, liema offerta giet pero' rifjutata mill-principal. Kellha tkun bilfors qasira.

Fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 1997, xehed Francis Cassar, prodott mill-istess appellant. Kien jokkupa l-kariga ta' Assistent Spettur Sanitarju. Kien jaghmel spezzjonijiet fil-fabbriki. Ghamel riferenza ghal--Food Hygiene Regulations 1969. Fl-1996, ghamel hames spezzjonijiet fil-waqt li ghamel tnejn fl-1997. Stqarr li li stat igjeniku kien baxx hafna. Bhala *food handlers*, kellhom izommu ruhhom indaf u jilbsu l-bluza. Dawn qatt ma ntlibsu. Kienu joqghodu bil-hwejjeg regolari ta' barra. Kien ordna li jsiru ezamijiet medici regolari pero' ma saretx l-ebda *follow-up* - sempliciment ghax ma baqax fuq dak ix-xoghol. Dwar ix-xaghar, kien jinsisti ghal *head gear* - qatt ghal brieret. Kien jaghmel enfasi li jirdu jilbsuh fuq il-lant tax-xoghol. Qatt ma nsista fuq qtugh ta' xaghar. Anke skond l-istess regolamenti, dawn jindikaw protezzjoni, u mhux qtugh, tax-xaghar. Ma ftakarx li sar xi diskors fuq xaghar qasir u pulit. Skond l-istess regolamenti, kulhadd kellu jinghata beritta biex tintlibes. Huwa nnega li kellu x'jaqsam mar-regolamenti kif inkluzi fic-cirkolari. Da parti tieghu, l-enfasi ssir fuq l-istabbiliment. Irrefera ghat-test mediku u biex il-persuna zzomm ruhha nadifa. Huwa qatt ma pogga madwar mejda sabiex jiddiskuti dan kollu mal-management u/jew jirredigu dan kollu. Ovvjamnet, huwa halla f'idejn John Grech - production foreman. L-istruzzjonijiet

kien jaghtihom verbalment, qatt per iskritt. Kien jinteressah is-sahha medika fuq il-post. Kien ikun kuntent jekk ix-xaghar kien ikun mghotti, mhux semplicement tintlibes beritta. John Grech ma qallux x'ser jaghmel. Ma kienx hemm differenza ghalih jekk ix-xaghar jinqatax u/jew jitgezwer. L-indafa personali kienet essenzjali ghalih. Sa l-ahhar gurnata, qatt ma ra lill-impjegati lebsin xi overall u/jew xi beritta. Kien jinteressawh l-idejn u dan peress li xoghol ta' *food manufacturer*. Kellha tintlibes bluza b'kopertura ghar-ras. Il-persuna kellha tinzamm nadifa. Ma kellux isir tipjip jew kontaminazzjoni. Ma kellux distinzjoni a bazi ta' sess. Id-detentur tal-licenzja kellu jkollu konjizzjoni tal-ligi u regolamenti fil-linja tax-xoghol tieghu, aktar u aktar fejn tidhol il-manifattura u preparazzjoni ta' ikel.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-meritu ta' din il-kwistjoni jikkoncerna l-introduzzjoni da parti tal-principal ta' regolamenti godda fuq il-lant tax-xoghol. Jibda biex jinghad illi li kieku l-principal kellu l-assistenza u kooperazzjoni debita tal-ufficjali tad-Dipartimenti tax-Xoghol u tas-Sanita', flimkien ma' sens ta' direzzjoni, dan l-incident ma kienx jispicca quddiem dan it-Tribunal ghas-soluzzjoni tieghu. Aktar u aktar li kieku l-haddiema kienu organizzati f'ghaqda sindakali u/jew l-istess rapprezentanti taghhom kellhom kuntatt regolari u apert sabiex isolvu l-problemi li jqumu ta' kuljum f'azjenda hajja u attiva. Aktar u aktar li kieku l-principal kellu konjizzjoni bazika tar-regolamenti stabbiliti mill-ligi applikabbli ghall-gestjoni kummercjali tal-generu li kien qed jinnegozja, dan

in-nuqqas ta' ftehim ma kienx jezorbita mill-proporzjonalita' ragjonevoli w accettabbli fuq post tax-xoghol.

Illi x-xhieda moghtija fil-kors tat-trattazzjoni tal-kwistjoni hija ferm illuminanti. Di fatti, anki s-succint riportat aktar il-fuq jaghti stampa cara tal-izvolgiment taghha. Kollox beda bil-viziti u spezzjonijiet regolari da parti tal-ispettur tas-Sanita'. Irrizulta illi l-ambjent tax-xoghol '*lasciava moltissimo da desiderare*'. Il-fabbrika tipproduci oggetti ta' konsum ghal bniedem - allura l-livell igjeniku sia tal-ambjent u sia tal-persuni li jahdmu fih kellu jkun wiehed mill-aktar ottimali. Huwa nkoncepibbli li ticcajta mas-sahha tal-bniedem. Il-principal beda joqghod ghall-istruzzjonijiet tal-ispettur sanitarju. Beda jsir progress regolarment u progressiv. Fil-hegga tieghu biex imur oltre minn hekk, impona wkoll l-qtugh tax-xaghar twil da parti tal-haddiema tieghu. Si trattava ta' mposizzjoni, mhux ta' konsultazzjoni mal-haddiema. Meta l-principal irrikorra ghand min suppost qieghed hemm biex jaghti servizz lill-pubbliku u jkun 'accountable' tal-agir tieghu, dan aktar milli rrenda ruhu ta' ghajnuna, zgwidah totalment.

Illi di fatti, il-principal qabad u ddecieda, fuq l-iskorta ta' dawn l-istess persuni, illi l-haddiema tieghu kellu jkollhom xagharhom qasir ossia x-xaghar twil li jwassal fuq l-ispalla, anki jekk migbur toppu u jew migbur horse-tail. L-appelant din l-hekk imsejha ordni tal-imghallem tieghu ma ghogbitux, u flimkien ma' siehbu, ma segwihiex. Anki wara li gie moghti diversi cansijiet sabiex jirregola ruhu xorta baqa' testard.

Illi hawnhekk l-appellant isaqsi, u fl-opinjoni tat-Tribunal, ragjonevolment, il-principal tieghu kellu dritt jimponi din il-kondizzjoni ossia kienet legittima u rikjesta '*ad*

*essentialis*' fuq il-post tax-xoghol? Jibda biex jinghad illi meta gie mpjegat mis-socjeta' ntimata, l-appellant ga kien fl-istat antecedenti ghal din il-kwistjoni tax-xoghol. Is-Socjeta' intimata kienet taf x'qed timpjega. Mhux unikamnet dan, izda dan it-Tribunal jirrileva li din l-istess kwistjoni setghet facilment giet rizolta ferm qabel ma tat lok ghall-odjerni proceduri.

Illi r-regolamenti dwar l-igjene tal-ikel tal-1969 ma jimponux il-qtugh tax-xaghar, izda semplicement 'a clean and washable headcover'. Allahares kellu jkun differenti! Fl-ewwel lok, il-maggoranza tal-membri tas-sess femminili, adornati kif inhuma bil-varjeta' fil-kwalita' u tal-istil tax-xaghar, kien ikollhom jirriducuh ghal wiehed statiku u regolamentari, mentri dan mhux rikjest imkien. Di fatti sabiex jinghataw xi ezempji - tobba, infermiera, paramedici, kirurgi, min jahdem fl-informatika u alta teknologija, minn effettivament jipprepara u jservi l-ikel f'xi ristorant - koki u servituri, dulciera. Il-lista hija nterminabbli. Dawn huma membri taz-zewg sessi - kull huwa impost u rikjest minnhom huwa semplicement li x-xaghar ossia r-ras titghatta sabiex ma tirrendix ruhha ta' ostakolu biex sidha jaghti s-servizz minnha dovut, u l-istess servizz jinghata bl-aqwa mod u manjiera minghajr ma jigi krejat xi periklu ghal min dak is-servizz qed jigi rez. Dawn il-persuni kollha jkollhom beritta u/jew kappell sabiex tigi koperta r-ras u l-istess xaghar. L-appellant kellu semplicement jigi provdut b'dan il-mezz hekk elementari u din il-pendenza ma kienet tigi qatt originata. Ir-raguni ghall-agir hekk imsejjah insubordinazzjoni tal-appellant kienet legittima. L-esigenzi tas-servizz kif mitlub mis-socjeta' intimata ma kienux jintitolawha li timponi kondizzjoni hekk drastika li l-konkluzjoni taghha kienet hekk evidenti u mistennija.

Illi s-socjeta' intimata kienet qed tibbaza l-kaz taghha principalment fuq dan il-binarju. A rigward ta' nuqqas ta' attendenza ngustifikata fuq il-post tax-xoghol, ma sar l-ebda enfasi fuqha izda sempliciment kienet 'en passant'.

**LIKWIDAZZJONI KUMPENS**

Illi l-appellant dam impjegat ghal madwar sbatax (17)-il xahar. Kellu paga ta' hamsa u erbghin lira maltija (Lm45) settimanali. In vista tal-istat u eta' tal-appellant, kif ukoll tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz li l-appellant qed jitlob kumpens u mhux ingaggjar, u li x-xoghol huwa att pozittiv sacrosant, li ghalkemm jaghti gieh lil minn jipprovdih u ghal min jigi pprovdut, m'ghandhux jigi menomat indiskriminatament ghax il-punizzjoni tkun wahda negligibbli, dan it-Tribunal qed jiffissa tali kumpens dovut fis-somma ta' elf mitejn lira maltija (Lm1,200).

**KONKLUZJONI**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jsib ir-raguni ghat-tkeccija bhala wahda mhux gusta u jikkundanna lis-Socjeta' intimata thallas lill-appellant is-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1,200) *in linea* ta' kumpens.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet definittivament terminata.

In linea ta' tassazzjoni ta' drittijiet dovuti lill-abbli konsulenti legali, qed jigi ffissat l-ammont ta' erbghin lira maltija (Lm40).

---------------------------

**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**
**CHAIRMAN**